**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 ta' Jannar 2025**

Rikors Numru: 545/24 AL

AB

vs

CD

(M.R. Numru 2166/2003)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewwgu fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) u minn dan iz-zwieg il-partijiet m'ghandhomx tfal.
2. Illi l-partijiet ilhom separati permezz ta' kuntratt in atti Nutar Roland Wadge mill-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008);

3. Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minhabba illi ilhom separati minn xulxin ghal diversi snin, llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;
4. Illi ma hemm l-ebda obbligu ta' manteniment bejn il-partijiet;
5. Illi ghalhekk r-rekwiziti tal-Artikolu 66B huma kollha rispettati kif tirrikjedi l-ligi.

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet nhar id-disgha u ghoxrin (29) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlieta (2003) jigi mahlul u dikjarat bhala xolt;
2. Tordna li d-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti jigi notifikat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex dan il-hall taz-zwieg jigi debitament registrat skond il-ligi; u
3. Taghti kull provvidiment ulterjuri li din il-Qorti jidrilha xierqa u opportuni.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jesponi:-

Illi l-attriċi ressqet talba quddiem din l-Onorabbli Qorti sabiex tippronunzja 1-hall taż-żwieġ bejn il-kontendenti, u konsegwentement tordna r-reġistrazzjoni ta' l-istess fir-Reġistru Pubbliku;

Illi l-intimat ġie debitament notifikat bir-rikors u ghal din r-raġuni qiegħed jissottometti r- risposta ġuramentata tiegħu;

Illi in vista tat-talbiet attriċi sabiex din 1-Onorabbli Qorti tipproċedi u tippronunzja l-hall taż- żwieġ bejn il-kontendenti, l-intimat ma jopponix u m'għandu l-ebda oġġezzjoni ghal-istess hall taż-żwieġ:

Illi ghaldaqstant ghar-raġunijiet premessi, l-intimat umilment jitlob lil din 1-Onorabbli Qorti joghġobha:

Tilqa it-talbiet attriċi fl-intier tagħhom kif jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-5 ta' Dicembru 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-14 ta' Lulju 2008;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.